**3 ta' Ottubru, 1958**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Dr. A.J. Mamo, O.B.E., Q.C., B.A., LL.D. President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Carmelo Olivieri

*versus*

Mary Olivieri

**Alimenti — Sentenza — Appell — Liberazzjoni "ab observantia".**

*L-effetti ta' sentenza li tistabbilixxi l-ħlas ta' pensjoni alimentarja ma jistgħux jiġu ritenuti mitmuma jew modifikati jekk mhux b'sentenza oħra.*

*U jekk sentenza tistabbilixxi pensjoni alimentarja, u sentenza oħra sussegwenti tawmenta dik il-pensjoni, dan il-prinċipju jgħodd ukoll, minħabba l-individwalità separata tagħhom, tant għall-ewwel kemm għat-tieni waħda.*

*Għaldaqstant, jekk ir-raġel jagħmel kawża biex jitlob illi, minħabba kambjament fl-istat tiegħu finanzjarju u fil-mezzi tal-mara, t-tieni sentenza tiġi revokata, u li hu jiġi eżonerat mill-obbligu li jmantni lill-martu jew li l-pensjoni alimentarja tiġi ridotta, il-Qorti ma tistgħax tagħti ebda provvediment dwar il-pensjoni stabbilita bl-ewwel sentenza mingħajr ma tmur kontra l-prinċipju tal-"ultra" jew "extra petita"; għaliex dik l-ewwel sentenza mhijiex quddiem il-Qorti, imma hemm biss it-tieni sentenza, li awmentat il-pensjoni stabbilita bl-ewwel sentenza.*

*Imma fl-istess ħin, l-Ewwel Qorti ma għandhiex tillibera l-mara mill-osservanza tal-ġudizzju; għaliex l-istanza li kienet għall-eżoneru komplet mill-obbligu tal-alimenti, tista' tiġi sostnuta għar-riduzzjoni tal-pensjoni ordnata bit-tieni sentenza li hija quddiem il-Qorti, billi fil-"più" huwa kompriż il-'meno". Iċ-ċitazzjoni hija proċeduralment sostenibbli fis-sens li tirrikjedi l-eżami u d-deċiżjoni fil-meritu jekk ir-raġel attur għandux jiġi meħlus, minħabba kambjament taċ-ċirkustanzi, milli jkompli jħallas l-awment ordnat bit-tieni sentenza; għaliex, kif jistgħu jiġu mitmuma jew mibdula l-effetti tal-ewwel sentenza, li tikkundanna għall-ħlas tal-alimenti, jistgħu jiġu mitmuma jew mibdula, anki għalihom weħedhom, l-effetti tas-sentenza sussegwenti li tkabbar ir-rata ta' dawk l-alimenti.*

*Għaldaqstant, jekk l-Ewwel Qorti tillibera lill-konvenuta mill-osservanza tal-ġudizzju f'istanza simili, fl-appell il-Qorti tordna li l-atti jiġu mibgħuta lill-Ewwel Qorti għat-trattazzjoni u deċiżjoni fil-meritu tat-talba tal-attur in kwantu limitata għaċ-ċessazzjoni jew modifikazzjoni tal-effetti tat-tieni sentenza.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li biha

l-attur, wara li ppremetta illi b'sentenza ta' din il-Qorti tat-8 ta' Novembru 1955 fl-ismijiet inversi, l-attur ġie kundannat iħallas lill-konvenuta retta alimentarja ta' £10.12.0 fix-xahar; illi l-attur ma għadux jaħdem għaliex għalaq is-sittin sena, u ma jiflaħx; u illi għalhekk huwa ma għandux mezzi aktar biex jgħin lill-konvenuta, kif jirriżulta fit-trattazzjoni tal-kawża; talab, li, għar-raġunijiet premessi, is-sentenza msemmija tat-8 ta' Novembru 1955 fl-ismijiet inversi tiġi revokata interament, jew ir-retta alimentarja ridotta skond il-mezzi li għandu l-attur il-lum. Bl-ispejjeż;

*Omissis*;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-28 ta' April 1958, li biha ddikjarat li l-azzjoni kienet proposta ħażin, u konsegwentement illiberat lill-konvenuta mill-osservanza tal-ġudizzju; bl-ispejjeż; wara li kkunsidrat;

Illi mill-fatti tal-kawża fuq riferita jirriżulta (1) illi b'sentenza mogħtija minn din il-Qorti fil-kawża "Carmelo Olivieri vs. Mary Olivieri' fid-29 ta' Ottubru 1954, konfermata mill-Qorti tal-Appell b'sentenza tal-31 ta' Jannar 1955, il-pensjoni alimentari dovuta mill-konvenut lill-attriċi ġiet stabbilita fis-somma ta' £9.10.0 fix-xahar, u (2) illi b'sentenza ta' din il-Qorti tat-8 ta' Novembru 1955, fil-kawża "Mary Olivieri vs. Carmelo Olivieri", ġiet miżjuda r-rata alimentari tal-attriċi b'£1.2.0 fix-xahar, pagabbli bil-mod u fil-post indikati fis-sentenza preċedenti;

Illi fil-kawża odjerna l-attur, wara li ppremetta li b'sentenza tat-8 ta' Novembru 1955 huwa ġie kundannat "iħallas" lill-konvenuta retta alimentarja ta' £10-12.0 fix-xahar, u li huwa ma għandux aktar mezzi biex jgħin lill-konvenuta, talab li s-sentenza msemmija tat-8 ta' Novembru 1955 tiġi "revokata nterament", jew ir-retta alimentarja "ridotta" skond il-mezzi li għandu l-attur il-lum;

Illi din il-kawża għandha bħala presuppost pensjoni alimentarja ta' £10.2.0, u miċ-ċirkustanzi kollha jidher illi l-attur irid jiġi eżonerat mill-obligu li għandu li jippresta

lill-konvenuta l-pensjoni "fl-interezza tagħha"; iżda, sabiex jilħaq dan l-intent tiegħu, kien imissu jitlob ukoll irrevoka tas-sentenzi preċedenti li bihom ġiet fissata f'£9.10.0 l-ewwel pensjoni alimentarja, mentri fiċ-ċitazzjoni huwa qiegħed jitlob ir-revoka jew ir-riduzzjoni b'riferenza biss għas-sentenza tat-8 ta' Novembru 1955, li biha ġie stabbilit biss l-ammont ta' £1.2.0 fix-xahar; u konsegwentement is-sentenzi ta' qabel ma jistgħux jifformaw oġġett tal-kawża preżenti;

Illi, kif tinsab impostata d-domanda, il-Qorti ġiet imsejħa biex tikkonstata tibdil fil-pożizzjoni ekonomika tal-attur, b'riferenza mhux għall-awment ta' £1.2.0 biss, imma għall-pensjoni globali ta' £10.12.0 attwalment dovuta lill-konvenuta — ħaġa li ma tistgħax issir fil-kawża tal-lum, li għandha bħala bażi s-sentenza biss tat-8 ta' Novembru 1955;

Rat in-nota tal-appell tal-attur u l-petizzjoni tiegħu, li biha talab ir-revoka ta' dik is-sentenza u li jiġu milqugħin it-talbiet tiegħu; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuta;

*Omissis;*

L-antecedenti ta' din il-kawża huma dawn:— B'sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-18 ta' Mejju 1953, fil-kawża fl-ismijiet "Mary Olivieri pr. et ne. vs. Carmelo Olivieri", mogħtija wara transazzjoni bejn il-partijiet, l-attur odjern ġie kundannat iħallas lill-konvenuta, għaliha, u għall-bintha Sylvia, pensjoni alimentarja ta' £10 fix-xahar;

B'sentenza oħra ta' dik l-istess Qorti tad-29 ta' Ottubru 1954 konfermata minn din il-Qorti fil-31 ta' Jannar 1955, l-attur ġie eżentat milli jkompli jħallas l-alimenti għall-imsemmija bintu Sylvia, u r-retta alimentarja li hu kellu jkompli jħallas lill-konvenuta għaliha nnifisha ġiet stabbilita għal £9.10.0 fix-xahar, fil-lok u bil-modalitajiet oħra kif determinati fis-sentenza preċedenti;

Fuq talba tal-konvenuta odjerna b'ċitazzjoni quddiem dik l-istess Qorti preżentata fl-14 ta' Ottubru 1955, biex l-imsemmija pensjoni alimentarja ta' £9.10.0 fix-xahar tiġi awmentata minħabba kambjament għall-aħjar fl-istat finanzjarju ta' żewġha u tibdil fil-bżonnijiet tagħha, dik il-Qorti, wara li l-attur (allura konvenut) kien offra, u l-konvenuta (allura attriċi) kienet aċċettat, awment ta' £1.2.0 fix-xahar, b'mod li l-attur jibda hekk iħallas lill-konvenuta £10.12.0 fix-xahar, iddeċidiet, bis-sentenza tagħha tat-8 ta' Novembru 1955, "billi tawmenta r-rata alimentarja tal-attriċi b'£1.2.0 fix-xahar, u ċjoè jiġi li l-konvenut għandu jagħtiha £10.12.0 bil-mod u fil-post indikati fis-sentenza preċedenti mit-18 ta' Novembru 1955";

Fil-kawża preżenti, l-attur, wara li ppremetta illi bis-sentenza l-aħħar imsemmija hu kien ġie kundannat iħallas lill-konvenuta retta alimentarja ta' £10.12.0 fix-xahar, talab, għar-raġunijiet imsemmija fiċ-ċitazzjoni, illi "s-sentenza msemmija tat-8 ta' Novembru 1955 tiġi revokata, jew ir-retta alimentarja ridotta skond il-mezzi li għandu l-attur il-lum";

L-Ewwel Qorti dehrilha li b'dan il-mod l-azzjoni ġiet proposta ħażin, u għalhekk, kif ġa ntqal, hi illiberat lill-konvenuta mill-osservanza tal-ġudizzju;

Ikkunsidrat;

Huwa ndubbjament ċar illi bis-sentenza tat-8 ta' Novembru 1955 l-attur ma ġiex "kundannat" (kif erroneament qal huwa) għall-ħlas lill-konvenuta tal-pensjoni alimentarja ta' £10.12.0 fix-xahar. Dik is-sentenza ma għamletx ħag'oħra ħlief "żiedet" £1.2.0 fix-xahar mal-pensjoni ta' £9.10.0 li għaliha l-attur kien ġie kundannat bis-sentenza "ta' qabel". Il-kliem fuq riportat tad-dispożittiv tas-sentenza tat-8 ta' Novembru 1955 ma hux kliem ta' kundanna ġdida, in kwantu għad-£9.10.0 fix-xahar ġa stabbiliti fis-sentenza preċedenti; huma biss konstatazzjoni ta' fatt u kalkolu li juri li, meta ma' dak l-ammont ta' £9.10.0. jiżdied l-£1.2.0 li għalihom l-attur kien qed jiġi kundannat b'dik is-sentenza, it-total tal-pensjoni li hu kien ser ikun

obligat li jħallas lill-konvenuta bħala effett taż-"żewġ" sentenzi, kien sar ikun £10.12.0 fix-xahar;

Huwa magħruf illi sentenza li tistabbilixxi l-ħlas ta' pensjoni alimentari ma tistgħax tiġi ritenuta mitmuma jew modifikata mingħajr sentenza oħra (cfr. XXXV-IV-990). Fil-każ preżenti, dan il-prinċipju jgħodd, minħabba l-individwalità separata tagħhom fuq rilevata, tant għas-sentenza tat-8 ta' Novembru 1955 kemm għas-sentenza preċedenti tad-29 ta' Ottubru 1954, konfermata minn din il-Qorti fil-31 ta' Jannar 1955. Iżda t-talba tal-attur, kif espressament formulata, hi limitata għar-revoka tas-sentenza tat-8 ta' Novembru 1955, jew għar-riduzzjoni tar-rata tal-alimenti b'riferenza għal "dik" is-sentenza. Fuq "dik it-talba", għalhekk, in kwantu l-attur kien qed jippretendi li jiġi eżentat f'kollox jew f'parti mill-pensjoni alimentarja ta' £9.10.0 ordnata bis-sentenza ta' qabel, l-Ewwel Qorti ma setgħet tagħti ebda provvediment mingħajr ma tikser ir-regola tan-"ne ultra" jew "extra petita". "F'dan is-sens" kien sewwa dak li rriteniet l-Ewwel Qorti, illi d-domanda tal-attur tinsab proposta ħażin;

Ikkunsidrat;

Fit-trattazzjoni quddiem din il-Qorti, però, l-attur issottometta illi b'dan kollu l-proċediment seta' u messu jiġi sostnut almenu għar-rigward ta' dak li hu espressament talab, ċjoè ir-revoka tas-sentenza tat-8 ta' Novembru 1955, u r-riduzzjoni tal-pensjoni alimentarja in kwantu miżjuda b'dik is-sentenza;

Din il-Qorti jidhrilha illi din is-sottomissjoni hi f'loksa. Infatti, għad illi, kif jingħad fis-sentenza appellata, l-attur "irid jiġi eżonerat mill-obligu li għandu li jippresta lill-konvenuta l-pensjoni alimentarja fl-interezza tagħha", b'dan kollu, l-istanza (għall-eżoneru komplet) tista' tiġi sostnuta għar-riduzzjoni; għaliex fil-"pjù" hu kompriż il-"meno" (XXXII-II-342). Anzi, fil-każ preżenti, l-attur espressament talab ir-riduzzjoni bħala alternattiva għall-eżoneru komplet. Iċ-ċitazzjoni għalhekk kienet proċeduralment sostenibbli fis-sens li tirrikjedi l-eżami u d-deċiż-

joni fill-meritu jekk l-attur kellux jiġi meħlus, minħabba kambjament taċ-ċirkustanzi, milli jkompli jħallas l-ammont ordnat bis-sentenza tat-8 ta' Novembru 1955, f'kollox jew f'parti. Fil-liġi ma hemmx raġuni għaliex, kif jistgħu jiġu mitmuma jew mibdula l-effetti tal-ewwel sentenza, li tikkundanna għall-ħlas tal-alimenti, ma jistgħux jiġu mitmuma jew mibdula, anki għalihom weħedhom, l-effetti ta' sentenza sussegwenti li tkabbar ir-rata ta' dawk l-alimenti;

Fis-sens limitat ta' din il-konsiderazzjoni, l-appell tal-attur jistħoqqlu li jkun milqugħ;

Għalhekk din il-Qorti tiddeċidi billi f'dak is-sens tilqa' l-appell tal-attur, tħassar is-sentenza appellata, u tordna li l-atti jiġu mibgħuta lill-Ewwel Qorti għat-trattazzjoni u deċiżjoni fill-meritu tat-talba tal-attur in kwantu limitata għaċ-ċessazzjoni jew modifikazzjoni tal-effetti tas-sentenza fuq imsemmija tat-8 ta' Novembru 1955. L-ispejjeż taż-żewġ istanzi jibqgħu mingħajr taxxa.